MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2003

Appell Civili Numru. 2501/1996/1

**Nazzareno Vella u Giomaria u Maria konjugi Cini**

**vs.**

**Vincent u Carmen konjugi Debono**

**Il-Qorti:**

Rat l-att ta' citazzjoni pprezentat fil-Prim Awla tal-Qorti Civili illi permezz tieghu l-atturi, wara illi ppremettew illi

huma pussessuri u inkwilini ta' *Tenement Number 52944* Ta' Qasam Barrani, l-Ghadira, Mellieha liema *Tenement* jikkonsisti f'cirka tomna raba mill-artijiet "Ta' Qasam Barrani" u ghar mal-istess ghalqa li tidhol ghalih minn ambjent komuni msejjah ir-remissa; illi l-qbiela tal-imsemmija ghalqa giet ceduta lill-atturi minn Toni Gauci u Frangisku Gauci u dan kif jirrizulta mill-kuntratt anness u mmarkat bhala dokument "A" kif ukoll mill-iskritturi appositi li saru mal-Kummissarju ta' l-Artijiet; illi l-atturi kienu jimmagazzinaw fl-ghar demel u hwejjeg ohra liema proprjetà l-atturi akkwistawha mac-cessjoni tal-qbiela; illi l-atturi ghamlu katnazz max-xatba li taghti ghall-ghar annessa mal-ghalqa "Ta' Qasam Barrani" limiti tal-Mellieha; illi l-konvenuti abbuzivament u bi vjolenza u ad insaputa tal-atturi qabdu u sgassaw l-imsemmija xatba u kkommettew spoll recenti u vjolenti billi spossessaw lill-atturi; illi dan l-ispoll l-atturi ttendew bih fl-10 ta' Gunju 1996 u ghadhom m'ghaddewx ix-xahrejn mill-ispoll; illi l-atturi interpellaw lill-konvenuti biex jirripristinawlhom l-ghar anness mal-ghalqa fil-pussess taghhom fl-istat pristinu taghha galadarba l-konvenuti qabdu u sgassaw u poggew katnazz iehor minflok dak li kien ezistenti; talbu ghaliex dik il-Qorti m'ghandhiex: (1) tiddikjara u tiddeciedi illi l-konvenuti u/jew nies imqabbda minnhom qabdu u dahlu u sgassaw l-ghar f'Ta' Qasam Barrani fl-Ghadira limiti tal-Mellieha u b'hekk ikkawzaw spoll ricenti u vjolenti; (2) tikkundanna lill-konvenuti jirripristinaw l-ghar fil-pussess shih tal-atturi billi jitnehha l-katnazz u dan fi zmien qasir u perentorju stabbilit minn dik il-Qorti; (3) fin-nuqqas tawtorizza lill-atturi biex a spejjez tal-konvenuti jirripristinaw l-ghar fl-istat pristinu tieghu jekk hemm bzonn bl-opera ta' periti nominandi; bl-ispejjez komprizi dawk tal-protest gudizzjarju tat-23 ta' Lulju 1996 u bl-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-atturi, konfermata bil-gurament mill-attur Nazzareno Vella, u l-lista tax-xhieda u n-nota tad-dokumenti relativi;

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenuti illi permezz taghha eccepew:

Illi t-talbiet attrici huwa infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-atturi stante li, kontra dak allegat fl-azzjoni promotorja, il-pussess tal-ghar meritu tal-kontestazzjoni ilu ghal diversi snin fil-pussess tal-eccipjenti u ghalhekk ma jezistux l-elementi tal-ispoll ricenti u vjolenti kif allegat bl-azzjoni attrici;

Salvi eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti, konfermata bil-gurament mill-konvenut Vincent Debono, u l-lista tax-xhieda relattiva;

Rat is-sentenza tas-sbatax (17) ta' Novembru, 2000 illi permezz taghha l-Prim' Awla tal-Qorti Civili laqghet l-eccezzjoni tal-konvenuti u cahdet it-talbiet attrici, bl-ispejjez kontra l-atturi, u dana wara illi kkunsidrat hekk:
"1. M'hemmx dubbju anke mit-talbiet attrici stess li l-kawza odjerna hi l-*actio spolii*. Issa skond il-gurisprudenza tal-Qrati Taghna, sabiex azzjoni ta' spoll tirnexxi, din tirrikjedi s-segwenti elementi: i) *possedisse*; ii) *spoliatum fuisee*; iii) *infra bimestre deduxisse* (ara sentenza tal-Qorti ta' l-Appell tas-26 ta' Jannar, 1996 fl-ismijiet **Joseph Vassallo Gatt noe vs Joseph Camilleri pro et noe** Vol. LXX.II.315), kif ukoll li l-ispoll ikun vjolenti jew klandestin (ara sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili tat-30 ta' April, 1991, fl-ismijiet **Joseph Vella pro et noe vs Salvu Micallef** Vol. LXXV.III.695).

"2. Dawn l-elementi m'huma xejn ghajr dawk rikjesti mis-subart. 535(1) tal-Kodici Civili, liema provvediment jistipula li kawza ta' l-ispoll tispetta lil dik il-persuna li '*bil-vjolenza jew bil-mohbi*' tigi '*mnezzgha mill-pussess ta' liema xorta jkun, jew mid-detenzjoni ta' haga mobbli jew immobbli*' u ghaldaqstant '*hija tista', fi zmien xahrejn mill-ispoll, titlob, b'azzjoni kontra l-awtur ta' l-ispoll, li terga' tigi mqieghda f'dak il-pussess jew f'dik id-detenzjoni, kif jinghad fl-artikolu 791 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili*'.

"3. Mill-eccezzjoni unika li nghatat mill-konvenut, jigi osservat li l-azzjoni odjerna qeghda tigi kkontestata

abbazi tal-fatt li l-pussess ta' l-immobbli in kwistjoni, cioè ta' l-ghar, kien '*ilu ghal diversi snin fil-pussess tal-eccipjenti u ghalhekk ma jezistux l-elementi tal-ispoll ricenti u vjolenti kif allegat bl-azzjoni attrici*'. Ghalhekk il-Qorti ser tghaddi sabiex immedjatament tezamina din il-kwistjoni, li wara kollox hi wahda mill-elementi essenzjali ta' l-azzjoni ta' spoll kif digà spjegat.

"4. Is-subart. 524(1) tal-Kodici Civili (Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta) jiddefinixxi l-pussess bhala '*d-detenzjoni ta' haga korporali jew it-tgawdija ta' jedd, li taghhom tista' tinkiseb il-proprjetà, u li wiehed izomm jew jezercitah bhala tieghu nnifsu*'. B'hekk fil-kawza odjerna l-prova tad-detenzjoni ta' l-ghar min-naha ta' l-atturi tassumi importanza massima sabiex b'hekk huma setghu jipprovaw li kellhom pussess ta' l-ghar u mbaghad li gie kommess spoll kontrihom.

"5. X'jirrizulta mill-provi prodotti mill-partijiet?

"6. Fid-dikjarazzjoni guramentata ta' l-atturi pprezentata mac-citazzjoni taghhom, huma jghidu li huma '*pussessuri u inkwilini ta' Tenement Number 52944 Ta' Qasam Barrani, l-Ghadira, Mellieha liema Tenement jikkonsisti f'cirka tomna raba' mill-artijiet 'Ta' Qasam Barrani' u ghar mal-istess ghalqa li tidhol ghalih minn ambjent komuni msejjah ir-remissa … l-qbiela tal-imsemmija ghalqa giet ceduta lill-atturi minn Toni Gauci u Frangisku Gauci u dan kif jirrizulta mill-kuntratt hawn anness immarkat bhala dokument 'A' kif ukoll mill-iskritturi appositi li saru mal-Kummissarju tal-Artijiet*'.

"7. Fuq ezami tal-kuntratt maghmul fl-atti tan-Nutar Joseph Henry Saydon fil-14 ta' Gunju, 1978, li jinstab pprezentat mill-atturi bhala Dok. A fuq imsemmi a fol 5 tal-process, ma jirrizultax li l-art indikata f'dak l-att giet ceduta wkoll minn Toni Gauci. Jissemma' biss Francesco Gauci li flimkien ma' Giovanni Maria Cini u Nazzareno Vella ftehmu li '*l-imsemmi Francesco Gauci qieghed icedi u jittrasferixxi lill-komparenti l-iehor proprio et nomine accettanti, kull dritt ghal kumpens dwar l-imsemmija benefikati u kull benefikat iehor li hu setgha ghamel fuq l-imsemmi raba imqabbel kif ukoll kwalsiasi dritt ta'*

*okkupazzjoni tal-imsemmija rziezet u kmamar u benefikati ohra ezistenti u dan versu is-somma ta' (Lm40) erbghin lira Maltija*'. Imkien ma jissemma l-ghar in kwistjoni, u dan nonostante d-dettall li dahlu fih il-partijiet f'dak il-kuntratt! Kif jista' wiehed jassumi li l-ghar kien kompriz?

"8. Imbaghad il-kopja ta' l-iskrittura pprezentata lid-Dipartiment ta' l-Artijiet (li, bhall-kuntratt, lanqas ma giet awtentikata bhala kopja vera skond kif tirrikjedi l-ligi), tindika li l-konjugi Paul u Doris Gauci ta' 133, St. Paul's Street, St. Paul's Bay, kienu qeghdin icedu r-raba tal-Gvern Tenement Nru. 52994 lil Zaren Vella ta' F/H, Triq Qasam Barrani, Mellieha, b'dana li huma kienu qeghdin icedu 'kollox'. Paul sive Pawlu Gauci fis-seduta tad-29 ta' Jannar 1998, xehed li l-ghar hu kien cedieh ukoll, u dan liz-zewg atturi. Jekk l-ghar kien inkluz f'dan it-trasferiment, allura tali trasferiment sar lil wiehed mill-atturi biss, u cioè lil Nazzareno Vella. Ghalhekk semmai hemm nuqqas ta' qbil bejn dak li xehed Paul Gauci u dak li fil-fatt ghamel.

"9. Jinghad ukoll li ghalkemm intuzat il-kelma '*kollox*' fir-rigward dak li kien qed jigi cedut, ma hemm l-ebda ndikazzjoni li l-ghar kien qed jigi cedut ukoll mar-raba' u ghalhekk wiehed jasal biex jaghraf u jizen sew dak li qal il-konvenut fis-seduta tal-15 ta' Settembru 1997, cioè li '*l-istess Pawlu Gauci sew xi sena ili u sew xi xahrejn jew tlieta ilu qalli li l-ghar mhu msemmi xejn f'dak li cedielhom u l-ghar lili hallihuli*'.

"10. Pawlu Gauci fis-seduta tal-15 ta' Settembru 1997, xehed li l-ghar hu kien cedieh f'Mejju, 1996 lill-atturi. Imbaghad fis-seduta tad-29 ta' Jannar 1998, l-istess Pawlu Gauci xehed li dan cedieh f'Lulju, 1996! Peress li l-iskrittura fuq imsemmija hi mmarkata bhala ricevuta fit-22 ta' Lulju 1996 mid-Dipartiment ta' l-Artijiet, allura din id-data ghandha tigi meqjusa bhala dik li fiha Paul Gauci ceda d-drittijiet tieghu lill-istess Nazzareno Vella ghall-finijiet kollha tal-ligi. Qed jigi osservat li din id-data hi wara l-10 ta' Gunju 1996, f'liema gurnata l-atturi ppremettew li huma ttendew bl-ispoll. Ghalhekk, in vista tal-fatt li l-ebda wiehed mill-atturi ma kien ghadu gie

koncess id-dritt ta’ l-inkwilinat fl-10 ta’ Gunju 1996, jonqos li wiehed jezamina jekk huma jew min minnhom attwalment kien/u qieghed/qeghdin jiddetjeni/u l-ghar.

“11. L-attur Gian Maria Cini fis-seduta tal-15 ta’ Settembru 1997, qal li hu kien ilu jghix fl-akwat ta’ l-ghar ghal dawk l-ahhar erbghin (40) sena u minn dejjem seta’ jiftakar lil Toni Gauci juza l-ghar in kwistjoni. Dan kien jigi hu Francis Gauci (li mbaghad kien jigi mill-mara ta’ l-imsemmi attur) li digà gie msemmi aktar ’il fuq fir-rigward ta’ l-att ta’ l-14 ta’ Gunju 1978. L-istess attur xehed li Toni Gauci kien dawwar l-ghar fuq it-tifel tieghu Pawlu Gauci u dan kien dawwar l-ghar u r-raba’ fil-vicin fuqu u l-attur l-iehor Nazzareno Vella u dan bil-permess tad-Dipartiment ta’ l-Artijiet. Però ghalkemm xehed li l-attur Nazzareno Vella kien imur jittawwal fl-ghar kuljum, xejn ma semma f’din is-seduta jew seduti sussegwenti li hu kien jaghmel xi uzu minnu jew sahansitra li kien imur jittawwal.

“12. L-istess Nazzareno Vella fl-istess seduta xehed ‘*jiena go dan l-ghar kont immur ta’ spiss, xi darbtejn jew tlieta fil-gimgha. Dak iz-zmien li jiena ndunajt li l-konvenut ghamel katina ohra jiena kont ili ma mmur f’dak il-post minn jumejn sa gimgha*’. Fis-seduta tad-29 ta’ Jannar 1998, xehed li ‘*Wara li telaq Toni Gauci mill-ghar, l-ghar kien maqful bil-katnazz u ma kien jidhol hadd fih. Nghid li l-konvenut Vincent Debono dahal fl-ghar meta hu sar jaf illi l-ghar tahulna Pawlu. Dan ilu xi sena u nofs. Nippreciza li d-domanda kienet illi Vince Debono kien go l-ghar u kellu hwejgu hemm gew, u jiena ghal din id-domanda nirrispondi li dan mhux veru. Nghid illi l-ghar kien imsakkar b’katnazz, u l-katnazz kien jissakkar*’.

“13. Pawlu Gauci fis-seduta tal-15 ta’ Settembru 1997, xehed li l-ghar kien ilu aktar minn hamsin (50) sena f’idejn il-familja tieghu u mbaghad meta waqa’ f’idejh hu kien cedieh skond id-Dok. B esebit. Xehed ukoll li ‘*Jiena qabel ma cedejtu kont nuza dan l-ghar jiena biss u l-konvenut qatt ma dahal hemm*’. Imbaghad fis-seduta tad-29 ta’ Jannar 1998, ikkonferma li l-ghar kien ilu li zvojta madwar hames snin, cioè minn meta nharget il-

hmara ta' missieru. Kuntrarjament ghal dik ix-xiehda li hu kien ta fis-seduta tal-15 ta' Settembru 1997, kompla jghid li l-konvenut kien sussegwentement dahal fl-ghar minn jeddu. Mela allura l-ghar lanqas kien fil-pussess ta' l-atturi!

"14. Min-naha tieghu l-konvenut f'dik is-seduta xehed li '*l-ghar in kwistjoni ilu f'idejja xi hames snin … Qed issirli riferenza ghal dak li qal Pawlu Gauci li jiena qatt ma dhalt u jiena nghid li Pawlu Gauci ma jafx min kien jidhol* [u] *ma jidholx f'dan l-ghar ghax fl-ahhar 30 sena mhux zgur gie erba' (4) darbiet l-ghadira. Anzi nghid l-ghadira ghax fejn l-ghar ma telgha qatt*'. Imbaghad fis-seduta ta' l-24 ta' Frar 1998, il-konvenut xehed li hu kien ilu li dahal fl-ghar ghal dawk l-ahhar sitt snin hekk kif Toni Gauci kien hareg il-hmara, u minn madwar tliet snin qabel kien beda jpoggi l-patata fih.

"15. Jidher li x-xhieda prodotti mill-konvenut, kif ukoll ix-xhud Mario Fenech prodott mill-atturi nnifishom, kollha kkorroboraw dak li kien qed isostni l-konvenut, cioè li l-ghar kien fil-fatt qed jintuza minnu ghal mill-anqas dawk l-ahhar hames jew erba' snin wara li kien hareg il-hmara tieghu minn hemm Toni Gauci. Dwar il-kwistjoni tad-demel u hwejjeg ohra li l-atturi qeghdin jippretendu li huma akkwistaw mac-cessjoni tal-qbiela, jinghad li johrog car mix-xhieda tal-konvenut u l-provi prodotti minnu li kwalunkwe oggett fl-ghar kien ta' l-istess konvenut.

"16. Ir-ragel ta' bint il-konvenut, cioè **Joseph Vella**, xehed fis-seduta tas-26 ta' Marzu 1998, li hu kien ilu jmur fil-ghar in kwistjoni ghal dawk l-ahhar hames snin sabiex ipoggi l-patata li huma kienu qalghu mir-raba' tal-konvenut ghall-habta ta' Mejju ta' kull sena. Zied ighid ukoll li qabel dawk il-hames snin kien hemm il-hmara ta' certu Toni Gauci f'dak il-ghar.

"17. Fis-seduta tas-26 ta' Marzu 1998, Joseph Vella xehed li huma kien[u] naddfu l-ghar madwar tliet snin jew erba' snin qabel u wara dik id-data ma kien hemm l-ebda demel iehor u lanqas ma ntefghu fdalijiet tal-patata.

"18. It-tifel tal-konvenut, **John Debono**, fl-istess seduta xehed li huma kienu ilhom jahznu l-patata f'dak l-ghar aktar minn dawk l-ahhar erba'snin u l-ahhar darba li huma ghamlu dan kif [*recte*: kien] f'Mejju ta' qabel. Qabel ma kienu bdew jaghmlu uzu ghall-hazna tal-patata, l-istess xhud spjega li certu Toni kien ipoggi l-hmara tieghu hemm u dan kien hareg madwar erba' jew hames snin qabel u huma bdew juzawh. Imbaghad huma kienu naddfu mid-demel u l-fdalijiet madwar tliet snin qabel sabiex b'hekk bdew ipoggu l-patata hemm.

"19. Ix-xhud **Charles Mifsud**, l-gharus tat-tifla tal-konvenut ukoll prodott minnu, xehed li hu kien ilu jahdem mal-konvenut ghal dawk l-ahhar erba' snin u minn dejjem jaf li l-ghar kien f'idejn il-konvenut u li l-patata kienet titpogga fl-ghar in kwistjoni. Fil-fatt hu stess kien ighin fil-garr taghha ghal barra jew ghal gewwa l-ghar. Fir-rigward tad-demel, cioè demel tar-raba', ifilsa u fdalijiet tal-patata, dan kien ingarr, ghalkemm mhux minnu, madwar sentejn qabel.

"20. **Charles Debono** tifel iehor tal-konvenut, fis-seduta tas-16 ta' April 1998, spjega li l-aktar li kien jinzel fir-raba' ta' missieru kien fiz-zmien tal-qliegh tal-patata sabiex ighin fil-gabra u l-garr taghha. Din kienet titpogga wkoll fil-ghar in kwistjoni u dan ghal dawk l-ahhar erba' snin. Hu kien jaf li dan il-ghar kien darba ta' certu Toni. Imbaghad ghal dak li jirrigwarda z-zibel, dan kien tnehha madwar sentejn qabel meta hu mar ighin lil missieru jnaddaf l-ghar.

"21. Fis-seduta tas-16 ta' Frar 1999, **Mario Fenech**, xhud prodott mill-atturi xehed in kontro-ezami li hu kien jaf li fl-ghar in kwistjoni l-konvenut kien idahhal il-patata.

"22. Mis-suespost ghalhekk jidher li meta sar l-allegat spoll, l-ghar kien digà ilu fil-pussess (*sic*) jidher li l-aktar kmieni li l-ghar in kwistjoni seta' gie ghand l-attur Nazzareno Vella bi qbiela kien fit-22 ta' Lulju 1996, cioè wara d-data li l-atturi allegaw li ttendew bl-ispoll. Ghaldaqstant it-talbiet attrici ma jistghux jigu milqugha."

Rat ir-rikors ta’ l-appell ta’ l-atturi illi bih, ghar-ragunijiet hemm esposti, talbu illi tigi revokata s-sentenza appellata billi tincahad l-eccezzjoni tal-konvenuti appellati u billi jintlaqghu it-talbiet ta’ l-atturi, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenuti appellati;

Rat ir-risposta tal-konvenuti appellati illi permezz taghha, ghar-ragunijiet hemm esposti, issottomettew illi l-appell interpost ghandu jigi michud u illi b’hekk tigi konfermata s-sentenza appellata, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjetà (*sic*) appellanti;

Ezaminat l-atti kollha tal-kawza;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat:

Illi l-uniku aggravju illi l-atturi avanzaw kontra s-sentenza appellata fir-rikors ta’ appell taghhom jammonta ghal sottomissjoni illi l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi prodotti quddiemha u, b’rizultat ta’ dan, erroneament waslet ghall-konkluzjoni illi l-istess atturi ma rnexxilhomx jippruvaw illi meta gie kommess l-allegat spoll huwa kellhom pussess, fit-termini ta’ l-artikolu 535 tal-Kodici Civili, tal-ghar in kwistjoni;

Ikkunsidrat:

Illi huwa risaput illi qorti tat-tieni grad - bhal ma hija din - ma tiddusturbax l-apprezzament tal-provi maghmul minn qorti ta’ l-ewwel grad, purkè ma tirrizultax raguni serja sabiex tiddipartixxi minn tali apprezzament;

Fil-kaz odjern, dina l-Qorti, wara illi ezaminat l-atti kollha processwali, ma ssib ebda raguni illi minhabba fiha ghandha tiddusturba l-apprezzament u valutazzjoni tal-provi maghmul mill-ewwel Qorti fis-sentenza appellata. Dan qed jinghad nonostante illi dina l-Qorti ma taqbilx ma’ l-asserzjoni maghmula fil-paragrafu enumerat hmistax (15) tas-sentenza appellata - u taqbel mas-sottomissjoni relativa maghmula fir-rikors ta’ appell - illi x-xhud Mario

Fenech, prodott mill-atturi jikkorrobora "… dak li kienu qed isostni l-konvenut, cioè li l-ghar kien fil-fatt qed jintuza minnu ghal mill-anqas dawn l-ahhar hames jew erba' snin …". Dan puntwalizzat, dina l-Qorti xorta wahda taqbel mal-konkluzjoni raggjunta mill-ewwel Qorti illi meta, ghall habta tal-bidu ta' Gunju, 1996, il-konveuti sakkru l-entratura ghall-ghar in kwistjoni permezz ta' katina tal-hadid u katnazz, l-atturi ma kellhomx il-pussess - mehtieg sabiex tixnexxi l-azzjoni ghall-hekk imsejjah spoll privileggjat - ta' l-istess ghar;

Ikkunsidrat:

Illi, ghall-precizjoni, tajjeb illi jigi rilevat illi kull fejn, fis-sentenza appellata, tissemma is-"seduta tal-15 ta' Settembru 1997", ir-riferenza trid tkun ghall-udjenza mizmuma mill-ewwel Qorti fit-tmintax (18) ta' Settembru, 1997. Infatti, ghalkemm fil-bidu tat-traskrizzjoni tad-depozizzjonijiet tal-persuni illi xehdu f'din l-udjenza (fol. 26 sa 34) jinghad "il-Hamis 15 ta' Settembru 1997", il-15 ta' Settembru, 1997 okkorra gurnata tat-Tnejn. Inoltre, waqt l-imsemmija depozizzjonijiet ssir riferenza ghal dokumenti esibiti mill-atturi fl-udjenza relativa u, min-nota illi permezz taghha gew esibiti dawn id-dokumenti (fol. 25), jirrizulta illi l-prezentata relativa saret fit-18 ta' Settembru, 1997. Tajjeb illi jigi rilevat ukoll illi fl-atti processwali, oltre l-imsemmija traskrizzjoni (fol. 26 sa 34), hemm kopja ohra ta' l-istess traskrizzjoni (fol. 41 sa 53), b'dan illi f'din il-kopja jinghad (fol. 41, 44, 46, 48, 50 u 53) illi kull depozizzjoni relativa saret fit-tmintax (18) ta' Settembru, 1997;

Ikkunsidrat:

Illi, minn dak illi jinghad sa issa, huwa evidenti illi l-aggravju ta' l-atturi kontra s-sentenza appellata mhux fondat;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddisponi mill-appell billi tichdu u billi tikkonferma s-sentenza appellata;

Tordna illi l-ispejjez ta’ din l-istanza jigu sopportati kollha mill-atturi appellanti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------